# Il-Pittur Ġużeppi A. Briffa

Tagħrif miġbur minn **Keith Muscat**

Fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar insibu erba' pitturi ta' l-artist Ġużeppi Briffa. Dawn il-pitturi juru lil Santa Klara, San Ġużepp ta' Kopertino, San Ludoviku Re ta' Franza u Santa Eliżabetta Reġina ta' l-Ungerija.

Ġużeppi Briffa twieled f'Birkirkara nhar l-1 ta' Mejju 1901. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ De La Salle. Fl-1916 huwa ngħaqad ma' l-*RMA*. Briffa attenda l-*Government Model School of Drawing* fil-Belt Valletta fejn studja taħt Edward Caruana Dingli u fl-1926 ingħata borża ta' studju mill-*Malta Society of Arts, Manufactures and Commerce* u kompla l-istudji tiegħu fir-*Regia Accademia di Belle Arti* f'Ruma, fejn iggradwa.

Briffa kien kummissjonat biex jagħmel diversi xogħlijiet fil-knejjes Maltin fosthom fil-kappella Tal-Herba f'Birkirkara, fil-Knisja ta' l-Agostinjani f'Għawdex, fil-koppla tal-Bażilika ta' Santa Elena f'Birkirkara, il-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana, xeni ta' l-Assedju l-Kbir fil-koppla tal-Knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat, fil-Knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, il-pittura tal-koppla u tas-saqaf tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur, fil-knisja ta' Sant'Antnin ta' Padova fl-Imġarr, Għawdex, fil-Knisja ta' Lourdes f'San Ġwann, pittura tas-saqaf tal-Knisja ta' Ħal Kirkop, fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Gżira, u fil-Knisja ta' Kerċem, fost l-oħrajn. Sfortunatament il-pittura li hu kien għamel għall-bażilika ta' l-Isla u l-pitturi tiegħu li kienu jinstabu fil-Knisja tal-Floriana inqerdu fit-Tieni Gwerra.

Bejn l-1934 u l-1964, Briffa ħadem mad-Dipartiment tal-Mużewijiet fejn fost l-oħrajn wettaq restawr fuq l-affreski ta' D'Aleccio fil-Palazz tal-Belt Valletta. Briffa esebixxa x-xogħlijiet tiegħu kemm f'Malta kif ukoll f'wirjiet internazzjonali u kien ippremjat diversi drabi. Fl-1965 huwa nħatar bħala Kavallier ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Briffa miet nhar it-13 ta' Jannar 1987.

**Angelo Fenech**

**PETROL STATION**

Mosta Road, St. Paul's Bay • Tel: 21 571918

*also spare parts*